VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,987, 13 ta' Novembru, 2012
Taqsima B

A.L. 391 tal-2012

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2012 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2011 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-Grad ta' Bachelor of Science (Honours) Health Science – B.Sc. (Hons) Health Science – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tax-Xjenzi tas-Saħħa

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tax-Xjenzi tas-Saħħa bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1)(ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2012 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2011 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-Grad ta' Bachelor of Science (Honours) Health Science - B.Sc. (Hons) Health Science - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2011 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-Grad ta' Bachelor of Science (Honours) Health Science - B.Sc. (Hons) Health Science - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tax-Xjenzi tas-Saħħa, ippubblikati bħala Avviż Legali 295 tal-2009, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2012 jew wara.

L-Emenda għall-ordinament 4 tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok l-ordinament 4 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"4. (1) Il-Bord jista', wara l-approvazzjoni tas-Senat, jiddetermina l-għadd ta' applikanti li jistgħu jitħallew jirreġistraw għall-Kors skont id-disponibbiltà tar-riżorsi. Il-Bord, għandu jħabbar l-għadd ta' postijiet disponibbli fiż-żmien tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

(2) Jekk l-għadd tal-applikanti eliġibbli jaqbeż l-għadd ta' postijiet disponibbli, il-Bord għandu jagħżel l-applikanti skont dawn il-kriterji li ġejjin:

(i) kwalifiki akkademiċi (piż ta' 45%):
(a) l-applikanti li jiksbu marka perċentwali globali ta' bejn 75 u 100 fid-Diploma in Health Science jew punti ekwivalenti għandhom jingħataw 45 marka;
(b) l-applikanti li jiksbu marka perċentwali globali ta' bejn 65 u 74 fid-Diploma in Health Science jew punti ekwivalenti għandhom jingħataw 35 marka;
(ċ) l-applikanti li jiksbu marka perċentwali globali ta' bejn 45 u 64 fid-Diploma in Health Science jew punti ekwivalenti għandhom jingħataw 25 marka;
(d) l-applikanti li m'għandhomx id-Diploma in Health Science iżda għandhom kwalifika professjonali oħra li tkun meqjusa mis-Senat bħala ekwivalenti għandhom jingħataw 20 marka;

(ii) esperjenza ta' xogħol rilevanti f'impjieg bi qliegħ (piż ta' 15%):
(a) l-applikanti li għandhom 15 'il sena jew aktar ta' esperjenza ta' xogħol rilevanti għandhom jingħataw 15-il marka;
(b) l-applikanti li għandhom bejn 10 u 14 'il sena esperjenza ta' xogħol rilevanti għandhom jingħataw 10 marki;
(ċ) l-applikanti li għandhom bejn 5 u 9 snin esperjenza ta' xogħol rilevanti għandhom jingħataw 8 marki;
(d) l-applikanti li għandhom anqas minn 5 snin esperjenza ta' xogħol rilevanti għandhom jingħataw 5 marki;

(iii) tmiem b'suċċess tat-taqsima studju tal-'Clinical Education in Practice' (HSC4061) jew 'Mentorship' (NUR3227) jew taqsima studju li tkun meqjusa bħala rilevanti mill-Bord tal-Istudji, u li bħalissa qegħdin jaħdmu bħala superviżur kliniku fi programmi tax-Xjenzi tas-Saħħa sal-ewwel grad fil-Fakultà tax-Xjenzi tas-Saħħa (piż ta' 20 %);

(iv) tmiem b'suċċess ta' korsijiet għall-Continuing Professional Development (CPD) f'dawn l-aħħar tliet snin sa massimu ta' 5 korsijiet (piż ta' 15% - 3 marki għall kull kors CPD);

(v) tmiem b'suċċess ta' korsijiet oħra professjonali u/jew korsijiet akkademiċi relatati f'dawn l-aħħar tliet snin sa massimu ta' ħames korsijiet (piż ta' 5% - marka għall kull kors).

(3) Għall-għan tal-għażla, l-applikanti li jissodisfaw ir-rekwiżiti ġenerali u speċjali kollha għad-dħul fil-Kors sal-31 ta' Awwissu ta' qabel ma jibda l-Kors għandhom jitqiegħdu f'ordni mill-ewwel sal-aħħar sabiex dawk li għalihom hemm postijiet disponibbli jiġu aċċettati u infurmati b'dan."

VERŻJONI ELETTRONIKA

L-Emenda għall-ordinament 6 tal-ordinamenti prinċipali

4. Minflok l-ordinament 6 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"6. Il-programm ta' studju jikkonsisti minn taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati mhux anqas minn 80 krettu. L-istudenti għandhom jirreġistraw għal mhux anqas minn 10 kretti u mhux aktar minn 40 krettu kull sena."